**Inti, l-Imnissla bla ħtija**

Illum, nhar Jum il-festa tiegħek
Maħnuq bin-nies it-tempju t'Alla,
Int, li għax iċċekkint tant għolliek
F'idejh ridt li ħajtek titħalla.

Sabiħa O Marija ħarset
Kollha ħlewwa u safa bla tmiem,
Fiha nitgħaxxaq, dik l-imħabba
Bosta tfejjaq għax qatt ma teqdiem.

Marija Immakulata xempju
Tal-vera virtù tal-ommijiet,
In-nisa kollha lejk iħarsu
Inti tgħinhom fl-eqqel kriżijiet.

Marija, is-safa ta' qalbek
Jeħlisna mit-toqla tal-ħażen,
Itlob għalina biex nintelqu
F'idejn Ibnek li l-mewt hu ħafen.

Ejja Marija, isa ejja,
Idħol f'qalbi u naddafhieli,
Għallimni nitolbok li bħalek
Ħadd u qatt mhu se jfejjaqhieli.

Mela illum, f'dal-jum sabiħ tiegħek
Itlob talba għal dawk l-imbegħdin,
Li tqarqu mix-xinxilli ħżiena
Ressaqhom 'l uliedek midinbin.

Tinsiex li inti waħda minna
Mara, ommna, oħtna mimlija,
Bil-grazzja tas-Sema ħu ħsiebna
Għax Inti l-Imnissla bla ħtija.

Patri Mario Attard OFM Cap
8 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.